Saspensjoni

S

PA

# Fit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Malta)

---

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
-9 DEC 2019
ST FRANCIS DITCH FLORIANA

**Appell**

**Fl-ismijiet: Carmelo Abela (KI 0502856M) u Mario Abela (KI 631861M)**

**vs.**

**[1] Awtorità tal-Ippjanar**
**[2] Patrick Guntrip**

**Rikors ta' Carmelo Abela (KI 0502856M) u Mario Abela (KI 631861M) ai termini tal-artiklu 33 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Jesponu bir-rispett:**

1. Illi permezz ta' ittra ddatata 28 ta' Diċembru 2018 kienu talbu lil-Bord tal-Ippjanar sabiex jiġi revokat il-permess PA 4411/09, skont l-artiklu 80 tal-Kap 552 Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-Bord tal-Ippjanar permezz ta' vot li ttieħed fil-14 ta' Novembru 2019 ċaħad it-talba għal revoka tal-esponenti;

3. Illi l-esponenti qiegħdin fl-istadju li jappellaw mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Ippjanar;

4. Illi l-esponenti qiegħdin jintavolaw rikors tal-appell mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Ippjanar u, ai termini tal-artiklu 33(1) tal-Kap. 551, permezz tar-rikors preżenti li qiegħed jiġi ppreżentat kontestwalment mar-rikors tal-appell, qiegħda tintalab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess PA 4411/09 sakemm tingħata deċiżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

5. Illi l-appellanti jesponu bir-rispett illi jekk l-eżekuzzjoni ta-permess ma tiġix sospiża, aktar ma javvanza x-xogħol, aktar hemm ċans li l-appell jisfa kollu fix-xejn;

6. Illi l-appellanti jesponu bir-rispett illi kollox idur mal-fatt li l-appellanti ġew żgwidati (wara li s-*site notice* twaħħlet fis-sit erroneju) u tilfu l-opportunita' li jsemmgħu leħinhom fil-mument opportun bħala *registered third party objectors.* Mingħajr sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess, aktar ma javvanza x-xogħol, aktar hemm ċans li l-appell isir biss eżerċizzju akkademiku, għaliex il-ħsara ambjentali **ġo ODZ** aktar tiżdied, kif ukoll il-preġudizzju lill-appellanti jiżdied ukoll. L-art aktar tkun iddisturbata milli hi diġa (peress li l-proġett beda) u bil-proġett għaddej inqas hemm ċans ta' rimedju għal-fatt li l-appellanti ġew imċaħħda mid-dritt li jdaħħlu l-*objections* tagħhom u dawn jiġu kkunsidrati bħala parti mil-proċess ta' kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni għal żvilupp;

7. Illi l-appellanti jesponu bir-rispett illi PA 4411/09 jikkonċerna proġett konsiderevoli fuq art ODZ (pompa ta-petrol bis-servizzi ančillari); fit-teorija kull żvilupp huwa riversibbli għaliex kull ma jinbena jista' jitwaqqa' u kull ma jitħaffer jista' jintradam, iżda żvilupp fuq art ODZ mhux żvilupp normali iżda huwa żvilupp eċċezzjonali u għalhekk aktar u aktar wieħed irid joqgħod attent li din l-art tiġi ddisturbata mill-inqas meta għad hemm proċeduri legali għaddejjin u aktar u aktar wieħed ma jistax u m'għandux jistriħ fuq assunzjoni li l-iżvilupp huwa riversibbli jekk l-appell jintrebaħ.

Għaldaqstant l-appellanti jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal li jilqa' t-talba tagħhom għal sospensjoni tal-PA 4411/09 sakemm l-Onorabbli Tribunal jiddeċiedi l-appell tas-Sinjuri Abela.

**Avv. Natalino Caruana de Brincat**
Triq Giorgio Preca, San Ġwann.

**Avv. Ivan Mifsud**
87 Triq Il-Keffa Swieqi